# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**
**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 18 ta' Jannar 2017**

**Rikors Numru: 247/16 CSH**

**P. Cutajar & Co Limited (C293)**

**vs**

**Michael Chetcuti**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici P. Cutajar & Co. Limited fil-5 ta' Ottubru 2016, fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' sitt elef, hames mija w wiehed u tletin Ewro w tmienja w ghoxrin centezmu (€6531.28) rapprezentanti l-bilanc ta' somma akbar minnu lilha dovuta kwantu ghal tmienja w disghin Ewro w erbgha w disghin centezmu (€98.94) li jirrapprezenta l-prezz ta' diversi merci lilu mibjugha w ikkonsenjati fir-rigward tal-fond 'Da Nicole' u li jirrizulta mill-anness prospett Dok. "A", kwantu ghal erbgha mija w erbghin Ewro w sitta w ghoxrin centezm (€440.26) li jirrapprezenta l-prezz ta' diversi merci lilu mibjugha w ikkonsenjati fir-rigward tal-fond 'Blue Dolphin' u li jirrizulta mill-anness prospett Dok. 'B', kwantu ghal sitt mija u wiehed u sittin Ewro u erbgha w sebghin centezmu (€661.74) li jirrapprezneta l-prezz ta' diversi merci lilu mibjugha u kkonsenjati

fir-rigward tal-fond 'Marks Dolceria' u kwantu ghas-somma ta' hamest elef tliet mija w tletin Ewro w erbgha w tletin centezmu (€5,330.34) li huwa l-bilanc dovut fuq self ta' flus lilu moghti u li huwa naqas li jhallas lura, liema somma komplessiva hija certa, likwida u ghalqet u hija minnu dovuta lis-socjeta' mittenti u ghalkemm il-konvenut gie nterpellat biex ihallasha, huwa baqa' inadempjenti, u dan skont ma jirrizulta ahjar mill-anness prospett immarkat bhala Dok. "A", liema somma dovuta hija certa, likwida u ghalqet.

Bl-imghaxijiet kummercjali bir-rata ta' mhux inqas minn tmienja fil-mija (8%) fis-sena u bl-applikazzjoni tad-disposti tal-Artikolu 26A et seq. tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ligi mit-30 ta' Lulju 2012 sal-hlas effettiv u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali numru 691/14 fl-ismijiet premessi spedita a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi il- konvenut kien debitament notifikat skond riferta pozittiva tal-Marixxall Connie Pullicino datata 13 ta' Ottubru 2016 fejn thalliet kopja tar-rikors promotur u tal-avviz fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta' attrici (fol. 8).

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2016 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tal-atturipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut dakinhar tal-14 ta' Dicembru 2016.

Rat illi fit-18 ta' Jannar 2017 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx ghas-subizzjoni tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti qieghda ghalhekk tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' sitt elef, hames mija u wiehed u tletin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€6,531.28) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors promotur.**

**Bl-imghaxijiet kummercjali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena u bl-applikazzjoni tad-disposti tal-Artikolu 26A et seq. tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ligi mit-30 ta' Lulju 2012 sal-hlas effettiv u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali numru 691/14 fl-ismijiet premessi spedita a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mar-rikors promotur a karigu tal-konvenut.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Deputat Registratur**